MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 114/2010

**AB**
**-vs-**

**CD**

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi l-kontendenti żżewġu fl-ewwel (1) ta’ Mejju, tas-sena 1993, u dan kif jirriżulta miċ-ċertifikat ta’ żwieġ relattiv illi qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala ‘Dok. PG. 1’;

2. Illi minn dan iż-żwieġ twieldu tlett itfal senjalatament X ta’ erbatax (14)-il sena, Y ta’ tnax (12)-il sena u Z ta’ seba’ (7) snin;

3. Illi l-partijiet isseparaw nhar l-għoxrin (20) ta' Diċembru, tas-sena 2007 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni in atti tan-Nutar Dottor Tonio Cauchi;

4. Illi l-kunsens tal-partijiet kien vvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet tagħha u kif ukoll illi l-konvenuta, minħabba anomalija psikoloġika serja kienet taħt impossibilita' illi taqdi l-obbligazzjonijiet esenzjali taż-żwieġ;

5. Illi għalhekk iż-żwieġ ta' bejn il-kontendenti huwa null u bla effett għall-finijiet u effetti kollha tad-dispzizzjonijiet tal-Artikolu 19 (1) (d) ta' l-Att Dwar iż-Zwieġ ta' l-1975;

6. Illi dawn il-fatti huma a diretta konoxxenza tar-rikorrenti.

Talab ghar-ragunijiet premessi li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi ż-żwieġ kuntrattat bejn il-kontendenti fl-ewwel (1) ta' Mejju, tas-sena 1993, huwa null u mingħajr effett ai termini tal-Artikolu 19 (1) (d) ta' l-Att Dwar iż-Zwieġ ta' l-1975.

2. Tordna li dina n-nullita' taż-Zwieġ fuq imsemmija tiġi reġistrata fuq l-att taż-żwieġ relattiv hawn fuq indikat.

Bl-ispejjeż kontra l-intimata li minn issa hija nġunta in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta, li *in forza* taghha hija eccepiet :

1. Illi fl-ewwel lok r-rikorrent intavola t-talbiet tieghu fil-konfront Maria Rosaria sive Rose Grech bil-karta ta' l-identita' numru 405077(M), li ma tirrispekkjax l-identita' ta' l-esponenti u ghaldaqstamt it-talbiet ta' l-attur huma nulli u bla effett fil-ligi u ghandhom jigu michuda stante li jirrigwardaw persuna ohra;

2. Illi subbordinarjament u bla pregudizzju ghas-suespost ghalkemm l-esponenti taqbel li z-zwieg ta' bejn il-partijiet ta' l-1 ta' Mejju 1993 huwa null u bla effett fil-Ligi, izda dan ghal ragunijiet imputabbli lir-rikorrenti u mhux kif gie allegat mill-istess rikorrenti ghar-ragunijiet imputabbli lilha, kif ser jigi pprovat ampjament fit-trattazzjoni tal-kawza;

3. Illi effettivament kien il-kunsens tar-rikorrent li kien ivvizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u/jew b' anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibbli ghalih li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg u dan kif ser jirrizulta ahjar waqt il-mori ta' dawn il-proceduri;

4. Illi ghalhekk u per konsegwenza li l-esponenti ma ghandha ebda tortijiet, hija topponi li tigi addebitata kwalunkwe spejjez in konnessjoni ma din il-procedura;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat in-nota ta' l-attur ta' l-1 ta' Ottubru 2010;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba sabiex iz-zwieg bejn l-attur Paul Grima u l-intimata Maria Rosaria sive Rose Grima tal-1 ta’ Mejju 1993 jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikoli 19(d) tal-Att Dwar iz-Zwieg 1975.

Min-naha taghha l-intimata taqbel li z-zwieg taghhom ghandu jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi izda ghal ragunijiet imputabbli lill-istess attur.

**Il-verzjoni tal-attur**

Min-naha tieghu l-attur jghid li ltaqa’ mal-intimata meta kellu tmintax-il sena filwaqt li hi kellha sittax-il sena. L-attur jghid li l-gherusija taghhom kienet wahda normali fis-sens li dak iz-zmien hekk kien jahseb, pero’ maz-zmien irrealizza li kien hemm problemi min-naha tal-intimata li wara affettwaw sewwa r-relazzjoni taghhom flimkien. Wahda mill-problemi li jsemmi l-attur hija d-diffikulta tal-intimata li tkun intima mieghu u dan kien kagun tal-fatt li l-istess intimata kienet abbuzata sesswalment meta kienet ghadha zghira. L-attur jghid ukolli maz-zmien l-intimata saret aggressiva u taghmel ghall-flus, tant li jallega li kellha relazzjoni ma’ ragel ghaliex kienet taf li kellu l-flus u seta’ jmantniha ahjar. L-attur jaghti spjegazzjoni twila u dettaljata tal-passat pjuttost difficli tal-intimata fejn isemmi s-separazzjoni ta’ ommha u missierha minhabba d-dejn li kien ghamel dan tal-ahhar, fejn sussegwentement spiccat f’istitut flimkien ma’ hutha. Min-naha tieghu jikkontendi li l-passat difficli taghha kellu effett kbir fuq martu, liema effett skond hu ghadu jezisti, u dan jidher mill-fatt li ghandha karattru maghluq u difficli tant li kien ikun difficli ghalih li jikkonvinciha biex tohrog, u dan anke fiz-zwieg. L-attur jiddiskrivi wkoll il-karattru tieghu bhala wiehed miftuh, b’hafna hbieb minghajr kunfidenza zejda u bhala ragel li jhobb jghin lil dak li jkun fil-bzonn. Hu jkompli jirrakkonta li meta bdew ir-relazzjoni taghhom, wara episodju ta’ *food poisoning* li sofriet l-intimata, l-genituri tieghu thassruha u hadu fuqhom ir-responsabbilita’ taghha billi ffirmaw sabiex tohrog mill-istitut u tibda tghix maghhom. Sussegwentement, il-partijiet marru jghixu ghand oht l-attur, peress li ghand din tal-ahhar kellhom aktar liberta’ u

setghu facilment juru aktar karezzi ma' xulxin, kuntrarjament ghal dak li setghu jaghmlu fid-dar tal-genituri tal-istess attur ghaliex skond hu, ghal ommu kollox kien skandlu.

L-attur jispjega li l-intimata kellha fissassjoni fuq id-dar u kellha hafna regoli dwar l-indafa, fosthom li riedu jnehhu z-zarbun qabel ma jidhlu gewwa. Lanqas ma kienet tkun trid li jmorru nies id-dar biex hadd ma jhamgilha. L-attur jghid ukoll li din il-fissazzjoni ggravat tant li kienet tghajjat mat-tfal biex ma jhammgulhiex!

L-attur izid jghid li l-intimata baqghet bierda anke fiz-zwieg, tant li kien ikun hu li jinsisti sabiex ikunu intimi flimkien. Tant hu hekk li l-istess attur jghid li meta kienu jkunu intimi, kien ihossu qisu ghandu xi pupa bla hajja ghaliex l-intimata qatt ma kienet turi xi forma ta' entuzjazmu.

**Il-verzjoni tal-intimata**

L-intimata tikkonferma li l-genituri taghha kienu sseparaw meta kienet ghadha zghira u li hi, flimkien ma' hutha, spiccaw ghand is-sorijiet f'istitut. L-intimata tikkonferma wkoll li missierha kien abbuza minnha sesswalment u kien proprju minhabba dan l-abbuz li hija telqet mid-dar biex marret ic-Centru Hidma Socjali. Hi tghid li meta ltaqghet mal-attur ma kellhiex hsieb ta' relazzjoni bis-serjeta' ghaliex kienet ghadha zghira wisq. L-attrici tikkonferma wkoll li l-hin li kellhom il-partijiet fiz-zmien meta kienet ghadha tghix mas-sorijiet kien limitat ghaliex kellha tkun lura kmieni. L-intimata tghid ukoll li riedet tkun sinciera mieghu fuq il-passat taghha specjalment fuq l-abbuz sesswali li subiet minn missierha u kien proprju ghalhekk li qalet lill-attur b'dan. L-intimata tikkonferma wkoll li marret tghix ghand il-genituri tieghu ghal xi zmien ghalkemm f'dan il-punt, il-partijiet ma jaqblux fuq il-versjoni tal-fatti kif graw. L-intimata tghid li l-idea li jizzewwgu kienet tal-attur ghaliex insista li jsir hekk, ghalkemm hi ma kienitx taqbel ma' din l-idea. Fi kliem l-istess intimata "***kelli niehu decizjoni wisq bikrija***", izda peress li ma kienitx imdejqa mieghu, ma xtaqitx titilqu u ghalhekk accettat li tizzewwgu.

L-intimata tirrakkonta wkoll episodju fejn kellhom argument jahraq u tghid li l-attur kien vjolenti maghha tant li riedet terga' tmur lura ghand is-sorijiet izda l-attur zammha hemm kontra r-rieda taghha. L-intimata tghid ukoll li kien hemm hafna indhil da parti ta' omm l-attur u dan kien sors ta' problemi specjalment wara t-twelid tal-ewwel tarbija, meta l-partijiet regghu marru jghixu ghand omm l-attur.

L-intimata tiddeskrivi lill-attur bhala ragel nervuz u li hadd ma jista' jkellmu tant li kienet issib ruhha trid tghidlu iva ghal kollox, minkejja li ma kienitx taqbel ma' dak li jkun qieghed jghid jew jippretendi. Tirrakkonta episodju wkoll fejn wara li urietu x-xewqa li jkun id-dar aktar kmieni sabiex iqagttghu aktar hin flimkien, l-attur zbroffa bir-rabja tant li tefaghha l-barra mid-dar, minkejja li kien tard bil-lejl. L-intimata marret ghand ohtha u din tal-ahhar regghet haditha d-dar biex tipprova tikkalma s-sitwazzjoni. L-intimata tghid ukoll li l-attur prova jiehu l-ghajnuna permezz ta' *councellor* fejn dan tal-ahhar qallu li hu necessarju li jikkontrolla n-nervi u jitghallem jiddjaloga qabel ma jaghmel xi haga. Dan l-istess *councellor* issuggerixxa psikjatra izda, wara li ghamlu appuntament u vista u wara li dan tal-ahhar ippreskriva l-medicina liz-zewg partijiet, l-attur irrifjuta li jihodha ghaliex sostna li mhux marid u li m'ghandux bzonnha.

L-intimata tghid li ghaddiet minn tbatija kbira fiz-zwieg taghha kif ukoll fl-gherusija u tikkontendi li dan iz-zwieg ghandu jigi dikjarat null u bla effett, ghal ragunijiet li huma unikament imputabbli lill-istess attur.

**Il-Mertu tal-kaz odjern**

Illi l-partijiet izzewgu nhar l-1 ta' Mejju 1993 u frott ta' dan iz-zwieg twieldu tlett ulied u cioe' X, Y u Z.

Dwar id-decizjoni ghaz-zwieg, jidher li l-partijiet ma jaqblux fil-verzjoni tal-fatti taghhom ghaliex, filwaqt li l-attur ma jsemmi xejn dwar il-fatt li, dejjem skond hi, l-intimata ma kellha ebda intenzjoni li tizzewweg daqshekk zghira, l-intimata tghid li accettat li tizzewgu ghaliex ma xtaqitx

titilfu. Dan juri li fil-fond ta’ qalbha jew mohha ma kienitx deciza dwar iz-zwieg izda dahlet ghalih ghaliex ried l-istess attur. Il-fatt li l-intimata ma tantx kienet herqana li tizzewweg huwa kkonfermat ukoll minn ommha Rosanna Abela fejn tghid li meta kienet tistaqsiha ghala kienet ser tizzewweg ta’ eta’ tant zghira, kienet tahrab mill-mistoqsija.

Il-Qorti tirrileva li l-allegazzjoni da parti tal-attur, u li permezz taghha jikkontendi li fiz-zwieg kellha relazzjoni mal-imghallem tieghu, m’ghandha ebda rilevanza ghall-kawza odjerna kif m’ghandha ebda rilevanza l-allegazzjoni ta’ adulterju tal-attur ma’ certu Simone, ghaliex dak li trid tara u tiddeciedi fuqu il-Qorti hu jekk il-partijiet kellhomx id-diskrezzjoni necessarja ghaz-zwieg fiz-zmien propizju u cioe’ fil-gurnata u l-mument tal-kunsens taghhom u mhux wara.

Jidher li z-zewg fatturi li fuqhom jenfasizzaw il-partijiet kienet in-nuqqas ta’ intimita’ u r-rieda tal-istess da parti tal-intimata u l-agressivita’ da parti tal-attur. Huwa interessanti li l-intimata ma taghti ebda importanza lill-intimita’ ta’ bejn il-partijiet, filwaqt li l-attur jaghmel hafna enfasi dwar dan il-fatt. Minn dan l-aspett diga’ jidher kemm il-partijiet jaghtu importanza differenti lil dan l-aspett fil-hajja konjugali taghhom. Min-naha taghha, l-intimata taghmel hafna enfasi fuq l-aspett nervuz u vjolenti tal-attur filwaqt li min-naha tieghu jiddeskrivi ruhu bhala nar tat-tiben. Omm l-intimata tirrakkonta dak li kienet tghidilha bintha l-intimata u tirrakkonta episodju fejn fil-prezenza taghha, l-partijiet argumentaw bl-ikrah tant li l-attur fetah il-kexxun tal-pozati u hareg sikkina kbira tal-laham.

**Dwar l-Artikolu 19(1)(d) u cioe’ li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif ukoll minhabba li l-intimat, minhabba anomalija psikologika serja, kien inkapaci illi jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewga**

Il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Parties Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[1] fejn inghatat spjegazzjoni dettaljata ta' xi jfisser dan l-Artikolu u xi jrid jigi pruvat quddiem din il-Qorti sabiex it-talba attrici tigi akkolta. Fi kliem l-istess Qorti:

"***Il-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex maturita` shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cjoe` ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cjoe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi…Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha il-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom***"***.***

Illi ssir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Borg Cachia Melanie Vs Borg Joseph**[2]

"***Il-persuna li tat il-kunsens trid tkun qed issofri minn immaturita' affettiva jew semplici njoranza. B'dan l-artikolu, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, izda dan in-nuqqas tad-discretio judicii huwa kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg…Il-gurisprudenza nostrana ssegwi din l-interpretazzjoni - ghalhekk id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga***".

[1] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[2] Deciza nhar id-29 ta' Mejju 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

Illi il-Qorti tirrileva wkoll li wiehed mill-obbligi essenzjali taz-zwieg huwa fil-fatt relatat mar-relazzjonijiet intimi, li jidher li kien fattur problematiku ghall-intimata, tant li lanqas biss tipprova tirribatti dak li jsostni l-attur ghal dak li jirrigwarda dan l-aspett tant importanti fil-hajja mizzewga.

In vista tal-gurisprudenza citata aktar ‘il fuq u in vista tac-cirkustanzi li wasslu ghal dan iz-zwieg, il-Qorti thoss li fil-mument propizju, il-partijiet ma kellhomx id-*discretio judicii* sabiex verament jaghtu l-kunsens taghhom, u dan ghaliex id-decizjoni ghaz-zwieg kienet wahda affrettata minhabba c-cirkustanzi partikolari tal-kaz kif ukoll ghaliex kif tammetti l-intimata stess, accettat li tizzewweg mhux ghax verament riedet imma ghax ma riditx titlef lill-attur minn hajjitha. Ta’ l-eta’ tenera li kellha l-intimata, anke tenut kont tal-passat difficli li kellha, kien ferm difficli ghaliha li titlef ukoll dik il-persuna li kienet pruvat tghinha (ghalkemm hi tikkontendi li kien xi ftit jew wisq pussessiv fuqha). Min-naha tieghu, jidher li l-attur ghandu karattru nervuz ferm (kif jikkonferma hu stess meta jiddiskrivi lilu nnifsu bhala nar tat-tiben) u ghalhekk, il-Qorti hija propensa li tifhem ukoll li l-attur kellu n-nuqqasijiet tieghu u li dahal ghaz-zwieg sabiex b’xi mod jikkonkwista lill-intimata u jiehu pussess fuqha. Dawn il-fatti juru li z-zewg partijiet dahlu ghaz-zwieg ghal ragunijiet zbaljati filwaqt li l-intimata kellha wkoll nuqqas ta’ diskrezzjoni fil-gudizzju ghal dak li jirrigwarda l-obbligi essenzjali taz-zwieg, principalment l-intimita’ ta’ bejniethom, ghaliex dan il-fattur ma inghata ebda importanza mill-intimata, anzi pruvat teskludieh kemm jista’ jkun.

Dan necessarjament ifisser li l-istess intimata ma rrealizzatx li biz-zwieg, hajjitha kellha necessarjament tinbidel biex tinkludi fiha lil zewgha b’tali mod li tassumi l-obbligi u r-responsabbilitajiet taz-zwieg kollha, filwaqt li min-naha tieghu l-attur ma rrealizzax li l-mara tieghu ma kienitx xi oggett li seta’ jkollu pussess fuqha jew li jitrattaha hazin jew b’mod vjolenti.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-

ewwel eccezzjoni tal-konvenuta, peress illi din giet sorvolata bil-korrezzjoni awtorizzata mill-Qorti fis-7 ta' Dicembru 2010, u tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara z-zwieg null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255.

Bl-ispejjez jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------